Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 230 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Maximilian Ciantar**

Illum, 23 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Maximilian Ciantar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 75690 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

talli f'diversi granet u f'diversi hinijiet matul il-perjodu li jkopri bejn it-08 u 28 ta' Jannar, 2016, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:-

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Probation Officer Mary Rose Farrugia, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed Pagna 2 minn 14 jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-

hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur talArtikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) hedded li ser jaghmel xi reat; (b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontrih, jew immalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamel uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-Probation Officer Mary Rose Farrugia, u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf lid an kien ta' fastidju ghal din il-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U fl-ahharnett talli fil-perjodu msemmi kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-28 ta' Jannar, 2016 (Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D.) liema sentneza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija, tiqs lill-imputat bhala li sar recediv ai termini talArtikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' ta' Mary Rose Farrugia, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-isop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond

l-Artikolu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghassigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Aritkoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mit-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u ma sabithux hati taghhom, u wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel (1) akkuza ikkundannatu ghal perjodu ta' tletin (30) gurnata detenzjoni u ghal multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1500).

Ordnat l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat, fejn il-persuna protetta hija dik ta' Mary Rose Farrugia, liema ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghal perjodu ta' hames (5) snin mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Maximilian Ciantar minnu pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tirrevokaha għall-kumplament u hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti nhar it-23 ta' Settembru 2019 fejn ippremetta is-segwenti:-

1. *"Illi huwa persuna li ghadda minn hafna esperjenzi ta droga u sahansitra kien hemm okkazzjonijiet fejn kienhemm anke b'overdose ittihedl-isptar.*
2. *Illi s-sitwazzjoni teighu kient gravi u huwa qed jaghmel minn kollox biex jsita jirranga idin is-sitwazzjoni.*
3. *Illi barra l-ghajnuna tal-partner li ghnadu, ghandu ukoll is-support ta missieru u ommu halli johrog minn din il-problema tad-droga . Prattikament hareg imam jixtieq jaghmel program peress li tali sitwazzjoni facilment jirrepetu ruhhom.*

4. *Illi fil-fatt huwa qieghed jaghmel arrangamenti halli jaghmel evening program mal Caritas. Illi dak li deher siss fil-gurnal juri kemm verament dan ghandu bzonn trattament u mhux kundanni .*
5. *Illi fil-pusess tieghu qatt ma kellu spacc jew kwantitajiet. Id-droga dejjem kient ghall-uzu personali tieghu u f'ammonti zghar.*
6. *Fil-fatt ir-rikorrenti dejjem hadem pero filghaxijiet kellu tali vizzju u ma kienx jsikarta mix-xoghol imma kien juza d-droga bhal mezz rikrejattiv."*

Ghalhekk talab li din l-Onorabbli Qorti tezamina l-kaz tieghu halli eventwalment tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u jinghata provediment favorevoli ghat-trattament tieghu skond il-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet taghha ta' l-istess jum fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-Avukat Generali.

Rat ir-risposta ta' L-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Qorti nhar il-25 ta' Settembru 2019 fejn irrileva s-segwenti:-

*" Illi ir-rikorrenti jinsab akkuzat li wettaq diversi reati kontra l-persuna, fosthom ta 'offiza fuq il-persuna tal-Probabtion Officer Mary Rose Farrugia, fastidju fuq Maryrose Farrugia u malafama u theddid permezz ta' network elettronika.*

*Illi permezz tar-rikros odjern, ir-rikorrenti qed jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga kif stipulat fl-artikolu 8 et seq tal- kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti umilment jsostni li sabiex din l-Obnorabbli Qorti tikkonverti f'Qorti dwar id-droga, jehteg lil-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8 u inter alia t-tlett rekwiziti tal-artikolu 8(2) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta jkunu sodisfatti.*

*Illi minghajr pregudizzju u mid-daqqa ta ghajn, jirriuta car li l-imputat ma jissodisfax ir-rekqizit misjub fl-artikolu 8 (2) (b) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta Malta u akkurament li l-akkuzat rikorrent ma jistax jkun akkuzat b'reat volontarju kontra l-persuna.*

*Illi kif indikat iktar 'l fuq d'in l-stess risposta , l-imputa intab mixli b'divesi reeti kontra l-persuna b'dan ghalhekk hija l-umli fehma ta l-esponenti li ma jsitghux jigu applikati l-benficcji tal-artikolu 8 al-kaotiolu 537 tal-ligijiet ta' Malta."*

Ghalhekk l-Avukat Genrali oggezzjona ghat-talba ta Maximillian Ciantar .

Rat id-digriet taghha tal-24 ta Ottubru 2019 fejn awtorizzat lir-rikorenti sabiex iressaq provi sabiex jikkonvinci il-Qorti li huwa qed jindirizza ill-problema tieghu ta' abbuz ta' droga u li fil-fatt qed jirnexxilu jgheleb dan il-vizzju mishut .

Rat in-nota tar-rikorrenti Maxilmillian ciantar prezentata fir-registru ta din l-Qorti nhar l-5 ta Novembru, 2019 fejn in ottemoranza mad-digriet tal Qorti tal-24 ta ottubru 2019 l-esponent indika ili x-xhieda rikjesta ghal fini tal-artikolu 8 tal- kap 537 tal-ligijeit huma s-segwenti:-

- Dr Joseph Tonna tad Detox
- Stephanie Grech tal Agenzija Caritas
- Ashley Cumbo tal Agenzija Sedqa
- Antoinetter Buttigieg Sciberras tal Agenzija Sedqa

**Noel Cassar** xehed[1] in rappresentanza tal -Caritas u pprezenta rapport dwar l-ghajnuna li qed jiehu r-rikorrenti. Stqarr li l-ewwel darba li talab l-ghajnuna taghhom kien fis-sena 2012 u dan bi problema akuta ta Opjati. Ghamel xi ftit sessjonijiet fis-ena 2012 u ftit ohra fis-sena 2013 imbaghad rega ghamel kuntatt maghhom fis-sena 2016 meta kein ghadu ghaddej bil-problema tad-droga Hu wera ix-xewqa li jibda program mal-Caritas. Dak iz-0zmien kien qieghed fil-0waiting list u waqaf li jattendi u ma rawhx izjed.

Jaf li fil-31 ta' Lulju, 2019 Maximillian Ciantar gie rilaxxjat mill-habs u dan wara li skonta s-sentenza tieghu Fit-2 ta' Settembru, 2019 rega ghamel kutnatt maghhom ghall ghajnuna fejn beda jattendi kul gimgha u baqa' ghaddej sa dak in-nhar li xehed. Jattendi

[1] Seduta tal 14 ta Novembru, 2019 fol. 128

ghas- sessjonijiet darba fil-gimgha u jaghti kampjun tal-awrina tieghu . Qal li jhadu diversi kampojuni minghandu kif elenkati fir-rapport minnu esebit dok NC a fol. 129 u kollha taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga.

**Dr Joseph Tonna** xehed[2] u spjega li kien ilu jaf lil Maximillian Ciantar dawn l-ahhar sentejn gewwa id Detox . Pero jghid li kien rah l-ewwel darba f'Jannar 2009 mea kien ghad ghandu dstax-il sena u ghadnu storja twila ta substance abuse, addiction ghad droga principalmetn Eroina u Koakjina. Fil-fatt kien imur ghandu zmien twil ghal methadone. Spjega li met akien ghad ghadnu hdax-il sena kien gja ipejjep il-haxixa u ta' erbatax beda jiehu l-Eroina u minn sbatax-il sena 'l hemm beda jiehu Kokajina, Ectasy u affarijiet hekk. Damu jarawh sa Ottubru 2009 imbagahd kien hemmperijodu fejn waqfu jarawh u rgghu ghamlu kuntattmeighu f'Mejju 2012. Dak iz-zmien kein jeihu l-Eroina jingetja jigifieri bis-siringa. Xi kultant jpejjep il-haxixa u jiehu xi Kokajina . Izda regew qabdu relazzjoni regolari mieghu f'Lulju 2015 imbaghad fit-13 ta Jannar, 2016.

Qal li kien dahal maghhom f Lulju 2015 u kellu jmur Santa MArija mea kellu key worker Ashley Cumbo dan kien isegwih imbaghad dahal Dar l- Impenn izda ma kompliex. F Jannar 2016 dahal id Detox u rega falla. Dan ghalihomkein process normali li xi had jidhol u johrogsakemm isib saqajgh. Rega rah f' Mejju 2016 ghaliex jahseb li fil-frattemo kein dahalil-habs fejn rega qata' l-msitura imbaghad kein hemm perijodu mhux regolari meta kien imur ghal mistura izda kuntat proprju meighu ma zammewx. F'Lulju 2018rega rah , imbaghad dahal il-habs u ricentement rega ghamle kuntatt meighu . M'ghadux jiehu drogi u qighed fuq trattament . Filf-att jghid li ghandu l-imprssjonili qiegehd jigi segwit mill-Caritas .

Ikkonfermali kien hemm storja ta drug addiction kemm ta Eroina u anke Kokajina Per oil-komportament maghhomkein dejjem wiehed tajjeb uproblemi kbar meighuqatt ma kellhom ghlakemm jaf li huwa bniedem impulsive hafna. Fil-fatt meta jinsab fi confront

---

[2] Seduta tal 14 ta Novembru, 2019 fol. 130

jsita jgib ruhu hazing u dan kein hafn aghar meta kein that l-effet ta droga Qal lipero rigward komprtament inbidel hafna , ahjar milli kien pero kien hemm disakk min nmeta rahl-ahhar

**Ashley Cumbo** in rappresentanza tas-Sedqa xehdet [3] u kkonfermat li Maximillian Ciantar kien klijent taghha f'zewg perijodi bejn Jannar 2014 u Awwissu 2015 u bejn Marzu 2017 u Ottubru 2017. Li tista tghid hu li fil-peridjodu meta kien fil-kuntatt maghha kien klijent dejjem rispettuz, is-sessjonijiet kienu ikunu utli u meta ma setax jattendi dejjem infurmaha. Kkonfermat li bejn Mejju u Jannar kien dahal l- Assesssment and Stabilization Unit ( ASU). Dan hu Unit parti mis-servizzi residenzjali tal-Agenzija Sedqa fejn persuna tidhol hemm hekk ghal massimu ta' 8 gimghat normalment biex jghinhom jghamlu ftit assessments fejn naturalment ikun qieghed 'clean' u ghalhekk ikunu jsitghu joffru stabilizazzjoni ukoll. Illum il-gurnata dan l-Unit m'ghadux jesisti . Fil-fatt kien ghamel bejn 4 u 6 gimghat bejn Mejju u Gunju 2015. U telaq ghaliex ried hu.

Qalet li f'dan il-perijodu kien ihalli ukoll kampjuni tal-awrina tieghu li kienu ikunu *supervised tests* u bejn Jannar 2014 u Settembru 2014 il-kampjuni li ghandha taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga bl-eccezzjoni ghal methadone ghaliex dak iz-zmein kien qed jiehu l methadone . Bejn Jannar u Frar 2015 l-kampjuni tal-awrina tieghu kienu kollha *clean* inkluz ghal presenza tal methadone. Tghid ukoll li bejn April 2017 u Ottubru 2917 l-attendenza tieghu kienet iktar regolari ukoll. F'Ottubru 2017 kienet waqfet il-kuntatt min naha taghha ghaliex marret tahdem post iehor u kienet ghaddiet il-kaz ghand kollega taghha Antoinette Sciberras Buttigieg.

**Antoinette Sciberras Buttigieg** xehdet [4] u qalet likeinet tiehu hsieb lil Maximillian Ciantar bejn Ottubru 2017 u Lulju 2019. Ikkonfermat li bejn Ottubru 2017 u Frar 2019 h

[3] Seduta tal 14 ta Novembru, 2019 fol. 132

[4] Seduta tal 14 ta Novembru, 2019 fol. 134

ukien jattendi ghal sessjonijiet u kien jaghti urine tests, leima testa taw rizultat negattiv ghal prsenza ta droga minbarra ghal uzu tal Cannabis . Tghidli f'dan il-perijodu kien jattendi regolari ghas-sessjonijeit maghha. Tghid li okkazjonalment keinihassar xi sessjoni minhabba xoghol izda ghal kumplametn kein jattendi. F'Marzu 2019 dahal il-habs u kient tmur taghmeliz-zjarat hemmhekk.Haregmil-habs f'Awwissu 2019 u wera x-xewqa li jghamel evening programme mal-Caritas u ghalhekk kellu jibda il-kuntatt mal-Carias beix jipprepara ruhu u il-kuntatt maghha waqaf.

Rat irapport prezentat fis-seduta tal-14 ta Jannar mahrug mill-Caritas datat 8 ta' Jannar 2020 fejnhemm indikat li Ciantar jattedni ghal sessjonijeit individwali kul gimgha u ghandu attitiduini posittiva hafna . JAttendi ukoll sessjonijeit tal gruppi darbtejn fil-gimgha u jippartecipa . Ippresentat ma dan ir-rapport hemm ir-rizultati tal-kamojuni tal awrina mehuda minghadnu li kollha taw rizulta negattiv ghal presenza ta' droga.

**Stephanie Grech** in rappresentanza tal-Caritas xehdet[5] kkonfermat li l-ewel darba li Ciantar ghamel kuntatt mal-Caritas kien fis-sena 2012 meta kellu problema akuta ta' abbuz ta' Opiates . Kien atenda ghal ftit sessjonijiet u attenda ghal ftit ohra fis-ena 2103. Fis-ena 2016 rega ghamle kuntatt maghhom meta kien ghad kellu problema ta' abbuz. Kien wera x-xewqa li jattendi il -Caritas Harm Reduction Shelter pero dak iz-zmien kien hemm *waiting list*. Wara tlett sessjonijiet kien waqaf jattendi.

Fil-31 ta Ottubru 2019 Ciantar gie rilaxxjat ill-habs u fit-2 ta Settembru 2019 ghamle kuntatt maghhom. Attenda regolarment ghal laqghat u ta kampjuni tal-awrina teighu li kolha taw rizulta negattiv ghal presenza ta droga . Peress likein ghamle progress kbir gie riferut ghal Caritas Evenign Programme fi-5 ta Dicembru 2019 fejn jattendi darbtejn fil-gimgha fi gruppi u regolarment jigi ittestjat ghad-droga. Fil-fatt tghid li qed jghamel progress kbir eccezzjonali u fil-fatt ser jiggradwa din is-sena.

[5] Seduta ta27 ta Frar 2020

**Eunice Fiorini,** Registratur tal Qorti Kriminal ixehdet[6] u spojegat li Ciantar ghandu is-segwenti kawzi pendenti apparti din odjerna.

1. Kawza fuq hsara volotnarja pendenti quddiem il- Qorti tal-Appelli Kriminali li qed tinstema quddiem l- Imhallef Edwina Grima u l-ewwel dehra kienet fl-20 ta' April 2020 fejn l-ufficcjal investigattiv kien l Ispettur Robert Vella .
2. Kawza fuq rapport falz pendenti quddiem il- Qorti tal-Appelli Kriminali li qed tinstema quddiem l- Imhallef Giovanni Griscti li ghada mhux appuntata fejn l-ufficcjal investigattiv kien l Ispettur Justin Camilleri.
3. Kawza fuq drogi pendenti quddiem il- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali li qed tinstema quddiem l-Magistrat Galea Sciberras fejn l-ufficcjal investigattiv hu l Ispettur Elliot Magro u l-jum tar-rapport hu l-1 ta Gunju 2017 differit ghall-20 ta' April 2020.
4. Kawza fuq drogi pendenti quddiem il- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali li qed tinstema quddiem l-Magistrat Galea Sciberras fejn l-ufficcjal investigattiv hu l Ispettur Spiridione Zammit u l-jum tar-rapport hu l-20 ta Mejju , 2017 differit ghall-20 ta' Mejju 2020.
5. Kawza fuq drogi pendenti quddiem il- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali li qed tinstema quddiem l-Magistrat Galea Sciberras fejn l-ufficcjal investigattiv hu l- Ispettur Justine Grech  u l-jum tar-rapport hu d-19 ta April , 2016 differit ghall-20 ta' April, 2020.

Illi mis-suespost ucioe mix-xheida mismugh ajirizult abic-car li r-rikorrenti Ciantar qed ighamle l-almu kollu biex jindirizza il-problema akuta ta' droga li huwa kellu ghal medda ta snin. Bizzejjed issir referenza ghal dak li qal Dr Tonna li Ciantar beda ipejjep il-haxixa meta kien ghad ghandu hdax-il sena u ta' erbatax beda jiehu l-Eroina u minn sbatax-il sena 'l hemm beda jiehu Kokajina, Ectasy u affarijiet hekk. Jirrizulta li dan l-abbuz baqa' ghaddej ghal medda ta' snin u ghalkem mkien hemm xi waqfien tul dawn is-snin jidehr li Ciantar dejjem rega waqa ghla vizzju. Kien biss issa ricentement bl-

[6] Seduta ta27 ta Frar 2020

ghajnuna tal Caritas li donnu qabad it triq itt ajba il-boghod mid-droga tant li skond Stephanie Grech sejjer jiggradwa din is-sena.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat/appellant u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Rat illi ghalhekk ic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolui 8 (2) ( c) tal-kap 537 tal-ligijiet ta Malta jissusistu u cioe *'li hemm ragunijiet ogetttivi li jindikaw li l-pesuna akkuzata x'aktarx tigi raibilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamlet progress jes sforz sostanzjali sabiex tehles mid-dipendenza tad-droga.'*

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (1) u ( 2) ( c) tal-artikolu 9 tal-Kap 537 huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u dan wara li qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qeda tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-

Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur